# UFFIĊĊJU KOMUNIKAZZJONI

**Il-Kurja ta' l-Arċisqof, Floriana**

Tel: 25906203/21241281 Fax: 21242971 Email: info@maltadiocese.org

*26 ta' Ottubru, 2009*

114/2009

## STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA

Il-MediaCentre se jkollha tagħlaq l-istamperija tagħha wara ċirkustanzi diffiċċli li kienet qed tiffaċċja. Il-bord tad-diretturi tal-MediaCentre wasal għal din il-konkluzjoni wara li analizza bir-reqqa s-sitwazzjoni fl-industrija lokali tal-istampar. Il-bord kkonkluda li biex din tibqa' kompettitiva, jkollu jaghmel investiment ġdid fl-impjant, fl-apparat u fir-rizorsi umani. L-ezerċizzju li sar wera li biex dan l-investiment jkun vijabli, il-kumpanija riedet izzid il-bejgħ b'ammont sinjifikanti, u dan f'suq li diġa qiegħed jagħmilha diffiċċli għal kumpanija li ssostni l-livell prezenti tal-bejgħ.

Id-diskussjonijiet bejn il-Bord tad-Diretturi tal-MediaCentre u s-shareholder tal-kumpanija dwar il-futur tal-istamperija, ilhom għaddejjin diversi xhur. Matul dawn il-laqgħat huma esploraw diversi possibilitajiet u alternattivi. Il-konkluzjoni kienet li b'dispjacir kbir, it-taqsima tad-dizinn u stampar tal-kumpanija se jkollha tieqaf topera mill-31 ta' Jannar ta' l-2010.

Il-Bord tad-diretturi jrid jagħmila ċara mill-bidu, li se jiġu mħarsa l-interessi tal-impjegati kollha effetwati minn din id-deċizjoni. Huwa għalhekk li diġa saru l-arranġamenti meħtieġa mas-shareholder u benefiċarju tal-kumpanija, jiġifieri l-Arċidjocesi ta' Malta, biex il-ħaddiema tal-post fit-taqsima tad-dizinn u l-istampar jingħataw impjieg alternattiv fl-istituzzjonijiet varji fi ħdan l-Arċidjocesi.